## FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 22 ta' JANNAR, 1996

AVVIZ NRU.82\95 J.R.

Accent Clear Traders Co. Ltd

vs

Puma Footwear Ltd

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-11 ta' Dicembru, 1995 fejn talab:

L-ammont ta' erba u tmenin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm84.50c.) bilanc ta' prezz ta' reklamar u xoghol ta' produzzjoni maghmul mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' konvenuta; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Awissu, 1995, u l-imghax legali mid-data tal-invoices relativi sad-data tal-pagament effettiv;

Wara li ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta fir-rigward: u

Wara li semgha x-xhieda ta' John Pace ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonferma l-ammont dovut u ezebixxa statement Dok A li fih hemm referenza ghall-invoices u l-ammont bilancjali; u

Wara li ha konjizzjoni tad-dokument ezebit; kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li:

Mix-xhieda tal-attur jirrizulta soddisfacentement li sal-gurnata tal-lum ghadu ma thallas xejn mill-ammont bilancjali pretiz ta' erba u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm84.50c) dovut in konnessjoni ma xoghol ta' reklamar u xoghol ta' produzzjoni maghmul mis-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta;

Jirrizulta inoltre mill-istatment Dok A li fil-31 ta' Mejju, 1994 l-ammont dovut kien ta' erba u ghoxrin lira Maltija hamsin centezmu (Lm24.50c.) filwaqt li fit- 30 ta' Settembru, 1994 ghalkemm thallas parti mill-ammont kien ghad fadal bilanc fl-ammont ta' erba u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (LM84.50c). L-imghax legali dovut sal-lum mahdum a bazi tal-pagamenti murija fid-Dok A jammonta ghall-disa' liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (Lm9.52c.) salv imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Dwar l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat- 12 ta' Awissu, 1995, qed jigi rilevat li l-Artikolu 10 subinciz (2) jaghmel referenza ghall-"nefqiet attwali li jkunu saru b'moddirett dwar il-kaz mill-parti li favur taghha jkun inqata' l-kaz -

Izda f'ebda kaz ma ghandu jigi deciz dwar spejjez li jkollhom x'jaqsmu ma nefqiet li jkunu jikkonsistu fi drittijiet legali jew kull dritt iehor b'kull isem li jkunu mhallsa minn xi parti li tkun lil avukat, prokuraturi legali jew kull persuna ohra li tassisti lill-partijiet quddiem it-Tribunal".

Dan it-Tribunal ghandu jifhem li dawn in-nefqiet jikkoncernaw drittijiet spettanti lill-avukati et, BISS ghall-assistenza quddiem it-Tribunal, pero' b'ebda mod ma jirreferu ghall-spejjez legali jew drittijiet inkorsi mill-parti f'hidma biex jigbor il-flus spettanti lilhu qabel ma jirrikorri ghat-Tribunal. Il-kelma operativa fil-paragrafu fuq riferit qed tigi mifhuma li hi dik "li tassisti", osssija proprju d-dritt dovut lill-avukati et ghall-assistenza quddiem it-Tribunal, u li ghalhekk m'ghandiex x'taqsam ma prestazzjonijiet precedenti maghmula mill-Avukat. It-Tribunal hu tal-fehma li ma ghandhux jigi penalizzat dak li jkun talli ghamel hieltu biex jevita lijidhol f'kawza f'tentativ biex jithallas. Il-parti li ser tqabbad lill-xi hadd biex jassistih quddiem it-Tribunal irid ihallas hu lil min qed jassistih ghad-drittijiet tieghu in kwantu dawn jirrigwardaw il-prestazzjonijiet quddiem l-istess Tribunal; u specjalment biex jigi salvagwardat dak li hu gust u ekwu, ma ghandhux il-parti li jkollhu r-ragun jigi penalizzat billi ma jkollhux dritt jigbor spejjez u drittijiet inkorsi qabel ma rrikorra ghat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi jiddeciedi illi:

jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' erba' u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm84.50c);

bl-imghax legali li sal-lum jammonta ghall-disa' liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm9.52c.) salv imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv; inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat- 12 ta' Awissu, 1995;

u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma globali imsemmija ta' erba' u disghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm94.02c.) oltre l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Awissu, 1995;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Dr Joseph Refalo
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.